MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007

Numru 135/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**

**versus**

**Christopher Dimech Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Christopher Dimech Debono a’ 29 sena iben Servolo u Mary Grace nee Grech mwieled Pieta fl-14 ta’ Awissu 1977 u joqgħod ġewwa 26 Rochka Triq Odilone Caruana Tarxien, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 458177(M).

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer nhar id-29 ta’ Jannar 2006 għall-ħabta tas-6.00pm, fi Block 15A Flat 8 Stefanotis Street San Ġwann u/jew fil-vicinanzi

1. volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli specifikament diversi oġġetti tad-dar għad-dannu tas-sid Thomas Farrugia minn San Ġwann, liema ħsara teccedi il-LM50 iżda inqas minn LM500 u dan ai terminu ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u cirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor u cioe fuq vettura BAT 613 ta' l-għamla Peugeot għad-dannu ta' l-istess Thomas Farrugia minn San Ġwann, liema ħsara teccedi iktar minn LM50 iżda inqas minn LM500 u dan ai terminu ta' l-Artikol 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess lok, data, ħin u cirkostanzi kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Oliver Micallef skond kif ccertifika Dr. C. Mucat MD mill-klinika tal-Gżira u dan ai terminu ta' l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta
4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanza volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'għajjat u ġlied u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi inġurja jew hedded lill-imsemmi Thomas Farrugia u lil Sharon Farrugia bil-kliem u dan kollu bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat 4581 tas-sena 1977, il-fedina penali netta tiegħu, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali li dawn il-proċeduri jkunu sommarji; il-kunsens mogħti mill-imputat biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; Dok CA1 u CA2 u CA3 li jinsabu fol 12 sa 19; l-istqarrija magħmula mill-imputat fit-2 ta' Frar 2006, fol 20 sa 24; id-dokument ppreżentat mill-Ispettur Carmelo Abdilla li juru ritratti tal-ħsarat fuq il-karozza Peugeot 405; ir-rinunzja ppreżentata mill-uffiċjal prosekutur bħala Dok CA12 datata 2 ta' Mejju 2006 kif wkoll il-verbal magħmul fl-24 ta' Jannar 2007 meta l-allegat vittma Thomas Farrugia xehed bil-ġurament u ddikjara li jrid iwaqqaf kollox u jrid jaħfer lill-imputat.

Fatti fil-Qosor

L-Ispettur Carmelo Abdilla xehed li l-pulizija kienet infurmata fid-29 ta' Jannar 2006 minn certu Thomas Farrugia ID448846M li kien hemm argument fid-dar tiegħu bejn it-tifla tiegħu u l-boyfriend tagħha li huwa l-imputat. L-imputat kien mar jixrob filgħodu flimkien ma l-għarus ta' oħt it-tfajla l-oħra u meta ġew lura lejn id-dar qam argument. Waqt l-argument kien weġġa' ħafif ċertu Oliver Micallef u kienu tkissru xi affarijiet fosthom statwa tal-Madonna. L-ispettur hawn ppreċenta l-istima tal-ħsarat illi kienu saru. Meta l-imputat ħareġ barra kien għamel wkoll ħsara fuq il-vettura li kienet pparkjata, il-Peugeot 405 u din il-ħsara kienet tammonta għal LM118. Il-karozza kienu tteħdulha ritratti fis-CID.

Mid-dokumenti preżentati jidher li kien hemm ħsara ta' madwar LM371. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat spjega kif beda l-argument u qal illi inkisru xi affarijiet għax waqt li kien qed jargumenta ma missier it-tfajla tiegħu, kien hemm persuna bl-isem ta' Oliver Micallef li ġie biex joħorġu 'l barra mid-dar b'ċertu aggressjoni. L-imputat qal li ħaseb illi waqt li kien ma Oliver Micallef kien hemm statwa tal-Madonna li forsi laqtuha u inkisret. L-imputat kien qabad mal-bieb u żamm miegħu u sakemm għamel hekk il-bieb tqaċċat minn postu. Jista jkun wkoll li laqat it-tavolina bis-sieq. Huwa ċaħad li kien mar jagħti fuq il-karozza ta' Thomas Farrugia. L-imputat qal li Oliver Micallef beda jgħid li hu l-imputat kien tah daqqa ta' sieq u li kien weġġgħu. Huwa wkoll nnega li kien hedded lil missier Sharon it-tfajla tiegħu u la għajjar la lilu u lanqas lil omm it-tfajla tiegħu.

Fil-5 ta' April 2006 Oliver Micallef ħafer lill-imputat. Għalkemm kien qala' d-daqqa huwa qal li issa għadda kollox u huma sar parrinu tat-tifla tiegħu.

Fil-15 ta' Settembru 2006, l-Ispettur Carmelo Abdilla ppreżenta rinunzja da parti ta' Thomas Farrugia għal kwalsiasi azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat u wkoll qed jirrinunzjaw għal kwalsiasi pretenzjoni ulterjuri li kellhom fil-konfront ta' l-imputat.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

Il-Qorti għandha quddiemha ir-rinunzja għall-azzjoni da parti ta’ Oliver Micallef u din kienet ġerħa ta’ natura ħafifa ai fini ta’ l-Artikolu 221 tal-Kap 9. Wara li l-Qorti rat il-maħfra mogħtija minn Oliver Micallef, rat l-Artikolu 221(4) tal-Kap 9 u ssib illi fin-nuqqas ta’ kwerela, allura ma jistgħux jittieħdu passi kontra l-imputat u qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni. Dwar ir-raba’ u l-ħames imputazzjoni ma nġabet assolutament ebda prova illi l-imputat kiser il-buon ordni u l-paċi pubblika jew inġurja u hedded lil Thomas Farrugia u lil Sharon Farrugia.

Dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet ta’ l-allegata ħsara, huwa tassew li l-prosekutur ppreċenta l-istimi li jtellgħu għal figura ta’ LM371 iżda ma hemmx xhieda illi jorbtu dawn l-imputazzjonijiet ma l-imputat. Fil-fatt huwa fl-istqarrija tiegħu nnega li kien għamel din il-ħsara u li jekk saret fil-fatt kienet għaliex dawn kienu qegħdin jimbuttawh u ħadd mill-vittmi tal-ħsara ma tela’ u qal x’ra hu jsir. Fil-fatt l-allegati vittmi tal-ħsara rrinunzjaw għal kwalsiasi talba ta’ ħlas lilhom u sa fejn setgħu wkoll l-proċeduri kriminali.

Skond l-Artikolu 325, l-ammont ta’ ħsara jeċċedi l-Lm50, xorta l-pulizija setgħet tieħu passi kontra l-imputat wkoll jekk il-parti allegatament lesa tneħħi l-kwerela. Iżda mill-proċess hemm biss ir-relazzjoni jew aħjar ix-xhieda tal-prosekutur iżda xhieda okulari ma ttellgħux biex jippruvaw l-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(B), 325(1)(b), 221(4), l-Artikolu 338(d)(d) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni minħabba nuqqas ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------